*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21696988 - Fax 00356 21696777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 69/2024 it-Tmien Leġislatura

Data: It-Tnejn, 25 ta' Marzu 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Skużata |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**69.1 Ittri ta'Apoloġija**

69.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li hija ġiet infurmata mill-Viċi Sindku sabiex tkun skużata għal din il-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Debattista, is-Sa Vella ġiet imniżżla bħala skużata filwaqt li s-Sa Marmara tniżlet bħala assenti peress li ma nfurmatx li ma kinitx ser tattendi.

**69.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.68**

69.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 68 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**69.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 57**

69.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Neil Portelli u s-Sur Thomas Debattista ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Frar 2024 u l-25 ta' Marzu 2024 li kienet tammonta għal €63,800.41.

ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL
73, ST. MARY STREET
TARXIEN. TXN 1704
Tel 00356 21696988 - Fax 00356 21696777 - email:- tarxien.lc@gov.mt

**69.4 Punti mill-Minuti**

**69.4.1 Proġett tal-Pjazza**

Is-Sindku semma li Infrastruttura Malta kienu qed jiffinalizzaw il-BoQ u kellhom ukoll jibdew jaħdmu fuq photomontage.

**69.4.2 Fondi Norveġiżi – Ġnien Joanne**

Is-Sindku semma li x-xogħol wasal fil-final tiegħu u ser ikun hemm it-tnedija tal-Ġnien kif pjanat nhar il-5 t'April. Semma li l-Kunsill innotifika lill-Ministri u Segretarji Parlamentari kollha li kellhom konnessjoni mal-fondi u li kienu qed jistennew min kellu jattendi.
Is-Sindku semma wkoll li l-bandla ta' tfal iż-żgħar ser tkun qed teħel wara l-ftuħ uffiċjali peress li l-kuntrattur dam ma tħallas mit-Teżor peress li l-Kunsill ma kellux aċċess miftuħ għas-sistema, l-impjegata li kienet tieħu ħsieb dan il-proġett kienet telqet ftit qabel mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku semma li bil-limitazzjonijiet kollha l-Kunsill tella' d-dokumenti kollha fuq is-sistema u l-fatturi għaddew għall-ħlas.

**69.4.3 Contracts Manager**

Is-Sindku nforma li l-Contracts Manager kien bagħat ittra bl-avukat lill-Kunsill, il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li għandha tinħareġ ittra ta' terminazzjoni mill-aktra fis possibbli.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota sabiex tinħareġ ittra ta' terminazzjoni.

**69.4.4 Kerrejja**

Is-Sindku semma li x-xogħol għaddej u kien kważi lest. Semma wkoll li qed issir l-art ta' travertin.

**69.4.5 Ground 5 a side**

Is-Sindku semma li wara li beda jinqala' soft flooring, il-Perit tal-Kunsill kif ukoll dak tal-Kuntrattur ħadu l-qisien tal-ħxuna ta' tapit u jidher li dan irriżulta li kien inqas minn 4cm. Għaldaqstant, il-Kunsill huwa mitlub jieħu deċiżjoni jekk japprovax li jinbidel it-tapit kollu sabiex jiġi konformi mal-liġijiet tas-saħħa u s-sigurtà kif ukoll il-bandli jkun jista' jiġi ċertifikat mill-MCCAA. Is-Sindku semma li din l-ispiża ser tiġi madwar €20,000. Semma wkoll li l-bandli li kien hemm sabiex issir manutenzjoni fuqhom ġew ukoll ċertifikati li huma beyond economical repairs. Semma li nġabret ukoll

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21696988 - Fax 00356 21696777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

kwotazzjoni għalihom u li dawn ser jiswew madwar €9,000 inkluż l-installazzjoni.
Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Chris Pace il-Kunsill qabel li għandhom imexxu b'din l-ispiża sabiex dan il-proġett ikun wieħed konkluż.
Is-Sindku semma wkoll li minħabba sigurtà nġabret ukoll kwotazzjoni għas-safety rubber mat-taraġ li hemm fil-ground. Semma li din ġiet madwar €4,000. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li din għandha ssir.

**69.4.6 Triq Lanzon**

Is-Sindku semma li wara dak kollu li kien irrappurtat fil-laqgħat tal-Kunsill preċidenti, rappreżentanti ta' Transport Malta kienu ġew fuq il-post u kkonfermaw id-deċiżjoni li kienu ħadu fuq il-linji sofor ikkonċernati.

**69.4.7 Skema CCTVs**

Is-Sindku semma li CCTVs iffinanzjati mir-Reġjun Port kienu ġew installati. Semma li kien ġie ffirmat MoU mal-LESA sabiex isir il-moniteraġġ tagħhom kif ukoll ġew ordnati t-tabelli.

**69.4.8 Rikonoxximenti Unur Ħal Tarxien**

Is-Sindku semma li kienet daħlet applikazzjoni waħda u għaldaqstant ma kienx hemm bżonn li tkun evalwata. Stieden lill-Kunsilliera sabiex jipproponu ismijiet ta' persuni li għamlu suċċess f'Ħal Tarxien kif ukoll għaqdiet li jagħtu kontribut siwi fis-soċjetà.

**69.4.9 Ġnien Penza**

Is-Sindku semma li l-laqgħa mal-Perit saret u kien kjarifikat li diġà hemm traffic management plan approvat minn Transport Malta għaż-żona ta' dan il-ġnien.
Is-Sindku semma li r-riġenerazzjoni ta' dan il-ġnien trid tiġi ffinanzjata jew mir-riservi tal-Kunsill, jew mill-Planning Fund jew billi tidħol applikazzjoni taħt xi skema lokali.
Għaldaqstant, is-Sindku għadda riżoluzzjoni sabiex tiddaħħal applikazzjoni taħt l-iskema SPI 02/2024 sabiex issir ir-riġenerazzjoni ta' dan il-ġnien.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21696988 - Fax 00356 21696777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| **69.4.10 Wrapping tal-Vettura Elettrika tal-Kunsill** | Is-Sindku semma li qed isir id-disinn u li kif ikun lest jgħaddi għand il-Kunsilliera sabiex jagħtu l-feedback tagħhom. |
| **69.4.11 Assistent Prinċipal fi skala 11** | Is-Sindku semma li l-permess mid-Dipartiment kien ingħata u għaldaqstant il-proċess kien beda peress li ħarġet il-call interna. Semma li l-Kunsill ser ikun qed jimxi mal-proċessi kollha kif stabbiliti. |
| **69.4.12 Siġar tal-Piċċ tal-Boċċi** | Is-Sindku li wara komunikazzjoni mal-ERA, kien tqabbad espert sabiex jipprepara rapport tekniku. |
| **69.4.13 Nominazzjoni MARA** | Is-Sindku xtaq jirringrazzja f'isem il-Kunsill lill-Profs. Jean Calleja li ngħatat premju MARA għall-edizzjoni 2024 f'isem il-Kunsill Lokali Tarxien. |

**69.4.14** Is-Sur Ismael Dalli talab li jkun skużat mil-laqgħa fis-18:15.

**69.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

| | |
|---|---|
| **69.5.1 Proposta lill-Gvern dwar iż-żona Ta' Sardinja - Proposta mis-Sur Chris Pace** | Is-Sindku semma li wara l-laqgħa preċidenti tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv kienet għaddejja b'komunikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet sabiex din il-proposta tasal għand il-persuna li jkun jista' jressaqha 'l quddiem. |
| **69.5.2 Rinovar taz-Zuntier** | Is-Sindku semma li mill-Infrastruttura Malta kienu intalbu sabiex il-Kunsill jiddeċiedi minn ser ikun qed jiffinanzja r-rinovar taz-zuntier tal-knisja ladarba tibda r-riġenerazzjoni tal-pjazza.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-estimi li bagħtu Infrastruttura Malta peress li kien hemm żewġ possibilitajiet. Fuq proposta tas-Sindku bi qbil unanimu, il-Kunsill qabel li l-finanzjament tar-riġenerazzjoni taz-zuntier bħala parti mill- |

---

proġett tal-pjazza ser ikun qed jiġi ffinanzjat mill-Kunsill Lokali. Din l-ispiża ser tkun qed tiswa' lill-Kunsill madwar €35,000.

**69.5.3 Summer Camp TCTC**

Is-Sindku informa li għadu kemm irċieva proposta mingħand il-kumpanija TCTC sabiex matul il-jiem tas-sajf jittella' Summer Camp għat-tfal b'tagħlim diġitali. Is-Sindku spjega li hemm spiża ta' madwar €5,000. Semma li ser ikun qed jiċċekja mal-kuntrattur li jekk in-numru ta' tfal ikun inqas minn dak imsemmi fil-proposta, il-Kunsill iħallasx inqas. Jekk ikun il-każ is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jagħti l-opportunità lit-tfal Tarxiniżi sabiex ikollhom summer camp ta' dan it-tip fil-lokal tagħhom stess.

**64.6 Aġġornament**

64.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 17 t'April 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Doċ A.

ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL
73, ST. MARY STREET
TARXIEN. TXN 1704
Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt

Data: 25 ta' Marzu 2024

Laqgħa tal-Kunsill Nu 69

Riżoluzzjoni – Applikazzjoni għar-Riġenerazzjoni ta' Ġnien Penza fil-fondi SPI/SCI/02/2024 Finanzjament – Komunitajiet Aktar b' saħħitthom u inklussivi

Il-Kunsill irriżolva li japplika taħt il-fond SPI/SCI/02/2024 Finanzjament – Komunitajiet Aktar b' saħħitthom u inklussivi sabiex jiġi riġenerat Ġnien Penza.

Proponent Sindku

Joseph Abela Galea

JAG

Sekondant

MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT
COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA
DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY – LIANNE CASSAR